## *Eku tal-isem Città Pinto li ngħata fl-1743:*

# L-Arma u l-*Motto* ta' Ħal Qormi

**Kitba ta' Dr. Joseph F. Grima**

Meta wieħed jirreferi għall-arma ta' Ħal Qormi, ma jistax ma jirreferix għal dak li seħħ biex ġiet adottata. Tista' tgħid li kulħadd jaf li hi adattazzjoni tal-arma ġentilizzja tal-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca li kien il-ħakkiem ta' Malta u tal-Ordni ta' San Ġwann għal 32 sena sħaħ, mill-1741 sal-1773, l-itwal renju ta' gran mastru li qatt kellu l-Ordni fl-istorja tiegħu li tkopri aktar minn disa' mitt sena.

*aċċetta t-talba tal-Kappillan Vella u għolla lil Ħal Qormi għad-dinjità u ġieħ ta' belt u kompla biex taha ismu stess*



*Pittura ta' Manwel Borg Gauci li turi lill-Gran Mastru Pinto jagħti lill-Kappillan Vella kopja tad-digriet li bih Ħal Qormi sar belt. (Pittura fil-Każin Banda San Ġorġ, Ħal Qormi)*

**Ħal Qormi jsir Belt**

Eżattament 275 sena ilu, il-Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Ġużepp Vella, ippreżenta supplika (talba) lil Gran Mastru Pinto biex Ħal Qormi jingħata t-titlu ta' belt b'isem li jagħżel hu stess. Fuq il-parir intellettwali u riċerkat li ngħata mis-Seniskalk[1] tal-Ordni, il-Baruni Ferdinand Ernst von Stadl, Pinto aċċetta t-talba tal-Kappillan Vella u għolla lil Ħal Qormi għad-dinjità u ġieħ ta' belt u kompla biex taha ismu stess, tant li Ħal Qormi sar ***Città Pinto***, jew ***Belt Pinto***, bħalma jixhed id-digriet uffiċjali li, fil-15 ta' Mejju 1743, ġie rreġistrat bil-Latin fil-volum numru 547 tal-*Libri Bullarum* fl-arkivju tal-Ordni ta' San Ġwann: ***Habita relatione, Terram Curmi erigimus in Civitatem, imponentes ei nomen Pinto***. Bir-raġun kollu, fil-25 ta' Mejju ta' kull sena, aħna l-Qormin niċċelebraw Jum Ħal Qormi.



Dell'Altezza Vostra Eminentissima
Um.mo Dev.mo ed obb.mo Ser.re et obed.mo Relig.e il Bali Seniscalco Barone de Stadl
Habita relatione Terram Curmi erigimus in Civitatem imponentes ei Nomen Pinto. Dat. in Pal. die XXV Maij 1743. Fr. Moster. aud.

*Id-dokument li ddikjara lil Ħal Qormi bħala l-Belt Pinto. (Bil-kortesija tal-Librerija Nazzjonali ta' Malta)*

**L-Arma jew l-Istemma ta' Ħal Qormi**



*Tpinġija tal-arma ta' Ħal Qormi f'pubblikazzjoni tal-1971.*

Ma naħsibx li dak iż-żmien, jiġifieri fi żmien Pinto, l-irħula Maltin kellhom xi arma uffiċjali għalkemm illum, mat-twaqqif tal-Kunsilli Lokali fl-1993, kull lokalità għandha l-istemma uffiċjali tagħha. F'pubblikazzjoni tal-1971, insibu tpinġija tal-istemma ta' Ħal Qormi li ngħatat din id-deskrizzjoni: "*Kwadru fidda, b'ħames qmura ħomor, f'nofs kamp aħmar u abjad (bandiera Maltija). Xi wħud iżidu wkoll fergħa tad-dwieli.*" Kienu jżidu fergħa tad-dwieli għax popolarment hemm min isostni li l-kelma *Curmi* (Qormi) ġejja mill-*Cherem*, *Carmi* jew *Carm* li jfissru *dielja*. Mhux kulħadd jaqbel ma' dan għax il-kunjom Curmi nsibuh fi Sqallija fis-snin 1095 u 1145 miktub bl-Għarbi u nafu li għandna diversi rħula f'Malta - bħal Ħal Balzan u Ħ'Attard - li ħadu isimhom minn kunjom. Dan seta' kien ukoll il-każ ta' Ħal Qormi li qabel kien magħruf bħala *Casal Curmi*. Il-prefiss *Ħal* mhu xejn ħlief taqsir tal-kelma *raħal* u allura m'għandux jintuża b'sing warajh. Inżid ukoll li, skont uħud, isem ir-raħal ġej minn kelma Griega li tfisser *konkorrenza ta' ilma* b'referenza għaż-żewġ widien li jdawruh. Għandi wkoll impressjoni li fi tfuliti kont rajt xi forma ta' arma tar-raħal li kienet tinkludi l-ilma iżda din hi biss impressjoni vaga u ma naf xejn dwar stemma ta' din ix-xorta.

> *Fil-każi taż-żewġ stemmi li semmejna naraw li t-tnejn li huma tnisslu mill-arma ġentilizzja tal-Gran Mastru Pinto*

L-elezzjoni għall-ewwel Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi saret nhar is-Sibt, 14 ta' Mejju 1994. Mal-ħatra tagħhom, il-Kunsilli ngħataw l-istemma uffiċjali individwali tagħhom b'dak ta' Ħal Qormi jkun deskritt b'dawn il-kliem: "*Tarka bi sfond tal-fidda u ħames nofs oqmra jħarsu 'l fuq imqegħdin 2, 1, u 2. Fuq din it-tarka hemm kuruna b'forma ta' sur, bi tliet gardjoli u bieb tal-attakk fin-nofs, kulur id-deheb.*" Fil-każi taż-żewġ stemmi li semmejna naraw li t-tnejn li huma tnisslu mill-arma ġentilizzja tal-Gran Mastru Pinto, riżultat tal-fatt li taha ismu lil Ħal Qormi, *Città Pinto*, bħalma rajna fil-bidu ta' din il-kitba. Il-kuruna fuq it-tarka tfisser li dan il-post, jiġifieri Ħal Qormi, għandu t-titlu ta' belt. Fil-fatt, dawk il-lokalitajiet kollha li għandhom titlu ta' belt - il-Belt Valletta, l-Imdina, il-Birgu, l-Isla, Bormla, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ, Ħaż-Żabbar, is-Siġġiewi, iż-Żejtun, u Victoria (Rabat) f'Għawdex - ilkoll għandhom kuruna fuq it-tarka tal-istemma tagħhom.



*L-arma uffiċjali preżenti ta' Ħal Qormi.*

**Il-Gran Mastru Pinto u l-Istemma ta' Familtu**

Dwar Pinto nkiteb ħafna - inkluż ktieb iddettaljat dwar il-ħakma twila tiegħu mill-Avukat Carmelo Testa fl-1989 li jidhirli li llum hu *out of print* - u allura mhux il-każ li



*Antoine Favray: Il-Gran Mastru Emanuel Pinto de Fonseca, pittura fis-sagristija tal-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. (Bil-kortesija tal-Kapitlu tal-Konkatidral ta' San Ġwann)*

*il-ħames oqmra jirreferu għall-ħames mexxejja Mori li Don Joao kien qatel f'dik il-battalja partikolari.*

nniżżlu ħlief xi ftit dettalji relevanti għal din il-kitba. Kien imnissel minn familja antika u mill-aktar nobbli Portugiża, iben Miguel Alvaro Pinto de Fonseca u Anna Texeira. Twieled nhar l-14 ta' Mejju 1681, ta' sentejn daħħluh fl-Ordni ta' San Ġwann, ta' 11-il sena sar paġġ tal-Gran Mastru Adrien de Wignacourt, u pprofessa bħala kavallier nhar lejlet l-Imnarja tal-1705 meta kellu 24 sena. Wettaq il-karovani, skont l-istatuti, fuq ix-xwieni tal-Ordni iżda aktar kien mixħut lejn l-istudju u l-amministrazzjoni tant li dam 20 sena jmexxi l-Kanċellerija tal-Ordni. Flimkien ma' diversi qraba tul is-snin, tnejn minn ħutu kienu wkoll kavallieri ta' San Ġwann.

Meta laħaq Gran Mastru fl-1741, kien diġà kellu esperjenza twila fl-amministrazzjoni. Dam isaltan 32 sena, sal-1773 meta miet fl-età ta' 91 sena. Fi żmienu saru bosta opri ta' fejda u ta' arkitettura sabiħa bħalma huma l-Berġa ta' Kastilja (illum l-Uffiċċju tal-Prim Ministru), il-Kastellanija (illum il-Ministeru tas-Saħħa), dsatax-il maħżen mill-aqwa għan-negozju tat-Trasbord li llum insejħulhom il-*Valletta Waterfront*, id-Dwana l-antika, u l-Forti Chambray f'Għawdex. Għalkemm kien bniedem prattiku li żamm in-newtralità fi żmien ta' taqlib u gwerer, kien ukoll ambizzjuż ħafna, ħakkiem iebes u qies lilu nnifsu daqs is-slaten Ewropej. Attwalment, kien rifless tal-ħakkiema Ewropej ta' żmienu.

L-istemma, jew arma ġentilizzja tal-familja tiegħu kienet turi ħames oqmra ħomor fuq sfond tal-fidda kif inhu rifless, bħalma diġà rrimarkajna, fl-arma uffiċjali preżenti ta' Ħal Qormi. Interessanti naraw kif, fil-fatt, oriġinat u tnisslet din l-istemma. Jekk immorru lura numru ta' mijiet ta' snin, eżattament fil-Medju Evu, insibu li l-Portugal (u wkoll Spanja) għal bosta snin kienet maħkuma mill-Mori. Kienu ħafna l-battalji mdemmija li l-Portugiżi kellhom jiġġieldu biex tinkiseb il-libertà ta' pajjiżhom. Wieħed mill-antenati tal-Gran Mastru Pinto kien Don Joao Gracia de Sousa li tqabad bil-kif biex jeħles lil pajjiżu mill-Mori. F'battalja partikolarment imdemmija, Don Joao qatel ħames mexxejja Mori u mtela' bid-demm (hekk tfisser il-kelma *pinto*) tal-għedewwa tiegħu. Minn hekk baqa'

magħruf bħala ***Pinto*** u addotta bħala l-arma ġentilizzja tiegħu - u hekk baqgħet għall-ġenerazzjonijiet ta' familtu li tnisslu minnu - ħames oqmra ħomor fuq sfond tal-fidda. Ovvjament, il-ħames oqmra jirreferu għall-ħames mexxejja Mori li Don Joao kien qatel f'dik il-battalja partikolari.

### Il-*Motto* ta' Ħal Qormi

*U hi appuntu din it-topografija li tagħti l-lok għall-motto ta' Ħal Qormi: il-kelmiet bil-Latin Altior ab Imo li bil-Malti jfissru Nogħla mill-Baxx*

Il-*motto* tal-Belt Pinto tnisslet mill-pożizzjoni ġeografika tiegħu. Ħal Qormi - jew almenu l-biċċa l-kbira tiegħu - qiegħed bejn żewġ widien, Wied is-Sewda u Wied il-Kbir li l-aħħar parti tiegħu hu magħruf bħala Wied iċ-Ċawsli. Dawn il-widien jingħaqdu ħdejn il-korsa taż-żwiemel, il-Marsa, u jwasslu sal-parti l-aktar ġewwinija tal-Port il-Kbir. Ħal Qormi qiegħed fil-baxx u mdawwar minn postijiet aktar fl-għoli: Santa Venera lejn it-Tramuntana, Ħaż-Żebbuġ lejn il-Punent u Ħal Luqa lejn in-Nofsinhar b'mod li bejniethom ikennuh u jostruh mhux ħażin.

U hi appuntu din it-topografija li tagħti l-lok għall-*motto* ta' Ħal Qormi: il-kelmiet bil-Latin ***Altior ab Imo*** li bil-Malti jfissru ***Nogħla mill-Baxx***. Għalkemm hi verità li biex noħorġu minn beltna rridu nitilgħu t-tlajja', dan il-*motto* għandna nqisuh bħala spruna biex dejjem naħdmu biex inkunu aħjar f'kollox. U għandna bosta eżempji ta' Qormin, mejtin u ħajjin, li bi bżulithom u ħidmiethom juruna t-triq li dejjem għandna nagħżlu: bla ma nsemmgħu ismijiet, inġibu quddiem għajnejna dawk il-Qriema kittieba, skulturi, pitturi, għalliema u letturi, professuri, saċerdoti u isqfijiet, professjonisti, imħallfin, politiċi u saħansitra żewġ Presidenti tar-Repubblika Maltija. Bħalhom, għandna dejjem inħarsu 'l fuq, b'rasna mgħollija biex dejjem inkomplu nogħlew mill-baxx.

**Referenzi**

1. Is-Seniskalk kien uffiċjal għoli tal-Ordni ta' San Ġwann, tista' tgħidlu ir–right hand man tal-Gran Mastru. Meta l-gran mastru kien jaħtar lil kavallier biex ikun is-seniskalk, dan kien jibqa' f'dak ix-xogħol sa mewtu.

